

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Għajnuna Legali](#) > France

Għajnuna legali

Franza



Franza

Il-liġijiet nazzjonali dwar l-għajnuna legali huma:

- [Il-Liġi 91-647](#) tal-10 ta' Lulju 1991 dwar l-għajnuna legali;
- [Id-Digriet 2020-1717](#) tat-28 ta' Diċembru 2020 li jimplimenta l-Liġi 91-647 tal-10 ta' Lulju 1991 dwar l-għajnuna legali u li jikkonċerna l-għajnuna legali u l-għajnuna għall-assistenza minn avukat fi proċeduri mhux ġudizzjarji;
- [L-Ordni tat-30 ta' Diċembru 2020](#) dwar il-kontenut tal-formola tat-talba għal għajnuna legali u l-lista ta' dokumenti li għandhom jiġu inklużi.

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 14(2), l-ewwel inċiż – Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti riċevanti jew trażmittenti

Il-Ministeru tal-Ġustizzja, id-Dipartiment għall-Aċċess għal-Liġi u l-Ġustizzja u l-Appoġġ għall-Vittmi, l-Uffiċċju tal-Assistenza Legali

Indirizz tal-uffiċċju: 13 Place Vendôme; 75042 Paris CEDEX 01; France

Telefown: +33 1 70 22 74 12

Indirizz tal-posta elettronika: baj.sadjav-sg@justice.gouv.fr

L-Artikolu 14(2), it-tieni inċiż – Iż-żona ġeografika ta' ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet riċevanti u trażmittenti

Iż-żoni ġeografiki fil-kompetenza tagħha huma Franza metropolitana, id-dipartimenti 'l barra minn Franza (Guadeloupe, Martinique, Mayotte, il-Guyana u La Réunion) u Saint-Pierre u Miquelon.

L-Artikolu 14(2), it-tielet inċiż – Metodi disponibbli biex jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet

Bil-posta, fl-indirizz:

Ministère de la justice, Service de l'Accès au Droit et à la Justice et de l'Aide aux Victimes, Bureau de l'aide juridictionnelle

13, place Vendôme

75042 Paris CEDEX 01

France

L-Artikolu 14(2), ir-rabà inċiż – Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-applikazzjoni

L-applikazzjonijiet iridu jimtlew bil-lingwa Franċiża.

■ L-aħħar aġġornament: 14/12/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.